MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## KEVIN MOMPALAO

Seduta tat-18 ta' Frar, 2014

Talba Numru. 16/2013

**Go Plc.**
**-vs-**
**Anna Maria Fenech, u b'digriet ta' l-4 ta' Ottubru 2013 gie kjamat fil-kawza Anton Buttigieg.**

It-Tribunal

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu l-kumpanija attrici tablet minghand il-konveuta s-somma ta' sitt mija u disgha u disghin Ewro u wiehed u ghoxrin centezmu (€699.21), rapprezentanti hlas ghal servizzi ta' telefonija u televizjoni moghtija lill-konvenuta.

Ra r-risposta tal-konvenuta, prezentata fit-8 ta' Awissu 2013, li permezz taghha eccepiet:- 1. li hija ilha ma tabita fil-fond fejn hemm installat is-servizz mis-26 ta' Jannar tas-sena 2011, wara li giet zgumbrata permezz ta' mandat ta' zgumbrament ezekuttiv; 2. Illi fl-14 ta' Jannar tas-sena 2011 hija ghamlet l-ahhar pagament ta' mija u hamsa u tletin Ewro u tlieta u sebghin centemzu (€135.73) u

ghamlet it-talba taghha mal-impjegati tal-kumpanija attrici sabiex is-servizz jghaddi ghal fuq is-sid il-gdid; 3. Illi ghalhekk ghall-ammont mitlub huwa responsabbli Anton Buttigieg, li akkwista l-fond fejn hemm installat is-servizz, u dan permezz ta’ kuntratt fl-atti tan-Nutar Jonathan Zammit tat-22 ta’ April tas-sena 2010. Bhala eccezzjoni jinghad ukoll illi s-socjeta` attrici giet infurmata b’dan u kellha allura ddawwar is-servizz fuq Anton Buttigieg, u ghalhekk il-konvenuta m’ghandhiex tbati spejjez; 4. Illi t-talbiet attrici huma infondati fid-dritt u fil-fatt.
Ra d-Digriet tieghu ta’ l-4 ta’ Ottubru, 2013, li bih gie kjamat in kawza Anton Buttigieg.

Ra r-risposta tal-kjamat fil-kawza Anton Buttigieg, fejn dan eccepixxa illi ma huwiex il-legittimu kuntradittur u li ma ghandu l-ebda relazzjoni guridika mas-socjeta` attrici u dan peress illi huwa lanqas ghandu xejn x’jaghti lis-socjeta` attrici; Illi kwantu ghall-kundizzjoni tale quale, din tirreferi ghall-kundizzjoni tal-immobbli u mhux ghall-obbligi kuntrattwali assunti mill-konvenuta li l-kjamat in kawza huwa totalment estraneu ghalihom, tant li jghid illi l-konvenuta hija debittrici lejn il-kjamat in kawza ghal diversi debiti ohra; Il-kjamat in kawza jghid ukoll illi ghall-pussess tal-appartament, dan ma kien fih xejn x’jindika illi kien hemm xi servizz imqabbad jew illi seta’ jibbenefika minnu.

It-Tribunal sema’ l-provi kollha migjuba quddiemu, ra d-dokumenti kollha esebiti,

Ra d-Digrieti kollha tieghu, inkluz dak tas-16 ta’ Jannar tas-sena 2014, li permezz tieghu din il-kawza giet imhollija ghas-sentenza ghas-seduta tal-lum.

Ikkunsidra

Illi minn dak illi xehed Emmanuel Cini, rapprezentant tas-socjeta` attrici, jidher illi l-konvenuta kellha s-servizz tat-televizjoni u telephone talk any time stallati fil-fond tar-residenza taghha, mill-kumpanija attrici. Minkejja illi l-konvenuta ma baqghetx thallas, u minkejja illi wriet l-intenzjoni illi tnehhi s-servizzi, hija ma tantx ikkoperat biex jitnehhew is-servizzi, u l-ahhar entry fin-note tal-kumpanija

attrici kienet illi kellha tikkuntattjahom hi sabiex isir appuntament sabiex jitnehha s-servizz. Jidher illi l-konvenuta kienet negligenti immens, u ma ghamlet xejn, tant illi lanqas biss irritornat l-apparat (zewgt kaxxi) relattivi ghat-televizjoni. Is-servizz kellu jigi maqtugh, peress illi ma kienx qieghed isir il-hlas.

Mill-provi migjuba jidher illi ma hemm xejn x'jindika illi l-kjamat in kawza illi xtara l-fond minghand il-konvenuta wara diversi proceduri legali stante illi l-konvenuta ma resqitx ghall-att finali wara li ffirmat il-konvenju relattiv, ma huwa b'xi mod responsabbli ghal dawn il-kontijiet. Kif jixhed il-kjamat fil-kawza stess, il-fond in kwistjoni ghadu sal-gurnata tal-lum minghajr servizz tad-dawl, stante illi l-konvenuta lanqas biss hallset ghall-konsum ta' l-elettriku.

Dan it-Tribunal iqis illi l-allegazzjonijiet illi saru fil-konfront tal-kjamat in kawza nnifsu, mill-konvenuta kienu allegazzjonijiet frivoli u vessatorji da parti tal-konvenuta Anna Maria Fencech.

Filwaqt illi min naha dan it-tribunal iqis it-talbiet attrici bhala pruvati fil-konfront tal-konvenuta, min naha l-ohra dan it-Tribunal ma jara xejn li bih Anna Maria Fenech irnexxielha tehles mir-responsabilita` ghall-hlas ta' dawn il-kontijiet pretizi mill-kumpanija Go Plc.

Ghaldaqstant, dan it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi din il-kawza billi jilqa' t-talbiet attrici, jikkundanna lill-konvenuta Anna Maria Fenech thallas lil kumpanija attrici s-somma ta' sitt mija u disgha u disghin Ewro u wiehed u ghoxrin centezmu (€699.21), bl-imghaxijiet mid-data tal-prezentata ta' din il-kawza 'l quddiem. Bl-ispejjez kollha, inkluzi dawk tal-kjamat in kawza,  ikunu a karigu tal-konvenuta Anna Maria Fenech.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------